MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 84/2011

**Charles Louis Attard u martu Franca Attard**

**Vs**

**Paul Axiak**

Il-Qorti,

Rat illi r-rikorrenti fir-rikors guramentat ippremettew :

Illi r-rikorrenti ghandhom negozju tal-bejgh u tal-haxix u frott;

Illi r-rikorrenti ghandhom jiehdu minghand il-konvenut is-somma ta' tnax-il elf u tmienja u tmenin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€12,088.27) rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-bejgh ta' diversi prodotti tal-haxix u frott ghall-perjodu bejn it-12 ta' Frar 2008 sat-23 ta' Ottubru 2009, li

l-konvenut kien ordna minghandhom u li kien gie konsenjat lilu biex ibieghu fis-supermarket tieghu ‘Safeway Supermarket’, li kien jiggestixxi fi Triq Tal-Hamrija, Xewkija, u dan oltre l-imghaxijiet skond il-ligi b’effett mid-data tal-hrug ta’ kull fattura li sallum jammonta ghal elf disa’ mija u erbgha u tletin Euro u tnax-il centezmi (€1934.12);

Illi minkejja li l-konvenut kien gie nterpellat diversi drabi biex jissalda dan il-bilanc ghall-merkanzija lilu mibjugha u konsenjata huwa baqa’ inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa wiehed, cert, likwidu u dovut, u dan jikkonfermah ir-rikorrenti Charles Attard, u l-konvenut mhuwiex gustifikat li ta’ din il-merkanzija li xtara u rcieva minghand ir-rikorrenti huwa jibqa’ ma jhallasx il-prezz taghha, u l-konvenut m’ghandu ebda eccezzjonijiet validi x’jaghti in kontestazzjoni ghat-talba tar-rikorrenti ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz ta’ din il-merkanzija;

Illi l-ahhar hlas akkont mill-konvenut sar fit-13 ta’ Novembru 2010, kif jidher mill-istatement esebit u markat A, u halla l-bilanc hawn fuq imsemmi;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh normali tal-kawza skond il-procedura stabbilita bl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara li hija dovuta lill-atturi s-somma bilancjali ta’ tnax-il elf u tmienja u tmenin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€12,088.27) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija ta’ haxix u frott li giet lilu mibjugha u konsenjata, bl-imghax dekoribbli mid-data tal-hrug tal-fatturi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma bilancjali ta’ tnax-il elf u tmienja u tmenin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€12,088.27), bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-hrug tal-fatturi sal-eventwali hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2011 il-konvenut inghata l-opportunita' li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat li fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet u l-ammont mitlub mill-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan anki kif se jigi muri fil-mori tal-kawza;

2. Illi l-fatturi pprezentati mill-atturi m'humiex la prova u lanqas indikazzjoni cara ta' ammont dovut mill-konvenut, liema ammont del resto jrid jigi pruvat mill-atturi u mhux mill-konvenut u ghalhekk f'dan l-istadju dawn l-istess fatturi, li thejjew unikament mill-atturi, ma jistghu jitqiesu xejn ghajr allegazzjoni infondata, specjalment f'kamp fejn min jallega jrid jipprova;

3. Illi huwa veru li kien hemm xi transazzjonijiet f'xi zmien bejn il-partijiet. Ghandu jinghad pero' li l-atturi qatt ma avvicinaw ufficjalment lill-konvenut b'prospett dettaljat ta' kif l-ammont mitlub mill-atturi waslu ghalih, u minflok il-konvenut gie rinfaccjat b'din il-kawza;

4. Illi filwaqt li jista' jkun hemm xi ammonti dovuti, dawn zgur m'humiex l-ammonti mitluba, stante wkoll il-fatt li kif ga gie rilevat, il-prova ta' l-ammont allegat jistrieh fuq l-atturi, kif ukoll minhabba illi t-transazzjonijiet kollha bejn il-partijiet ghad iridu jigu ppruvati u/jew stipulati b'mod ufficjali, haga li ma saritx u ma setghetx issir minhabba li kif gia nghad, il-konvenut qatt ma gie nterpellat ufficjalment sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u/jew hlas ta' xi ammont allegat;

5. Illi bhala fatt il-konvenut qatt ma cahad li jista' jkun hemm xi ammont dovut, u f'tali kaz kien u ghadu dispost

ihallas xi ammont, izda mhux l-ammont li l-atturi qeghdin jallegaw, liema ammont huwa, kif se jigi muri fil-mori tal-kawza, infondat u eccessiv;

6. Illi ghalhekk ma kienx hemm bzonn li dawn il-proceduri jinfethu mill-atturi, u ma jkunx gust li l-konvenut ibati l-ispejjez u l-imghaxijiet meta kienu proprju l-atturi li qatt ma nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut sabiex jersaq ghall-hlas;

7. Illi fid-dawl tas-suespost, kwalsiasi mghaxijiet u/jew spejjez legali allegati mill-atturi m'ghandhomx jithallsu mill-konvenut, u dan ghas-semplici fatt li l-atturi qatt ma nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut sabiex jersaq ghal xi hlas, izda hallew iz-zmien jiddekorri nutilment imbaghad waslu sabiex intavolaw il-proceduri odjerni.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallashom l-ammont ta' €12,088.27 rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-bejgh ta' diversi prodotti tal-haxix u frott ghall-perjodu minnhom imsemmi.

Illi rrizulta li Charles Louis Attard huwa *wholesaler* tal-frott u tal-haxix li jbiegh u jqassam il-prodotti tieghu madwar Malta u Ghawdex. Il-konvenut kellu supermarket bl-isem 'Safeway Supermarket' li ukoll kien jixtri frott u haxix minghand ir-rikorrenti. Dan in-negozju bejn il-partijiet dam ghal hafna snin cirka tnax-il sena. Fil-bidu ma kienx hemm

problemi ta’ hlas. Izda mbaghad bdew jitfaccaw il-problemi u r-rikorrenti stqarr li dam hafna jissaporti lill-konvenut sabiex ihallsu. L-istess konvenut jammetti li huwa jaf li ghandu jaghti lir-rikorrenti izda mhux l-ammont kollu mitlub.

Illi r-rikorrenti esebixxa l-fatturi kollha (ghalkemm ma jirrisalux minn Frar 2008) u tella’ wkoll l-original sabiex jigu vverifikati. Jirrizulta li hemm ammont ta’ dawn il-fatturi li ma gewx iffirmati mill-konvenut u b’hekk l-istess konvenut qieghed jargumenta li dawn il-fatturi wahedhom mhux prova li l-prodott gie konsenjat.

Illi r-rikorrenti fix-xhieda tieghu[1] spjega li l-konvenut jew ommu jew missieru kienu generalment icemplu filghaxija biex jordnaw ix-xoghol. L-ghada filghodu kmieni x-xoghol kien jittiehed gewwa s-supermarket. Peress li kienu jmorru kmieni bix-xoghol certu drabi ma kienu jsibu lil hadd u jhallu x-xoghol wara l-bieb. Gie spjegat li meta jitwassal ix-xoghol dejjem kienet tinhareg invoice u meta l-hanut ma kienx ikun miftuh l-invoice kienet tithalla max-xoghol.

Meta bdew id-diffikulatijiet ghall-hlas ir-rikorrenti beda jissikka lill-konvenut ghall-hlas. Dan ta’ l-ahhar gieli kien jaghtih ammont fi flus kontanti u lejn l-ahhar kien hemm ftehim li mart l-attur bdiet tmur fis-supermarket tal-konvenut u taghmel xi xirjiet minghandu biex b’hekk ikun jista’ jitnaqqas l-ammont ta’ dejn dovut mill-konvenut. Kull darba li kienet issir xirja dak l-istess ammont li tkun tammonta x-xirja kien jitnaqqas mill-ammont li l-konvenut ghandu jaghti lill-attur u dan kollu fil-fatt gie rispekkjat fl-istatement ipprezentat mill-istess atturi[2]. Anki l-hlas fi flus kontanti tnaqqsu mill-kont.

Illi l-konvenut sostna li l-ammont mitlub mhux kollu dovut. Ir-ragunijiet migjuba minnu huma : (i) il-fatturi mhumiex kollha ffirmati; (ii) li certu xoghol kien fih il-hsara; u li (iii) hallas flus kontanti li ma tnaqqsux mir-rikorrenti.

---

[1] Tas-7 ta’ Dicembru 2011 a fol 236 tal-process

[2] Dok A a fol 4 et seq tal-process

Illi referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Cauchi et Dr Patrick Spiteri et**[3] li fiha l-Qorti ta' l-Appell ikkwotat sentenza ohra taghha stess **Fenech v. Portelli**[4] li kienet ghamlet osservazzjonijiet dwar x'tip ta' prova hi rikjesta f'kawza civili:

"*Il-principju tal-piz tal-prova ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt kostituttiv ta' dritt vantat u pretiz, trid tigi rikavata minn prova wahda u dik biss. Wiehed jista' jutilizza elementi probatorji akkwiziti mill-process – ir-rizultanzi struttorji jistghu jigu ottenuti b'kull mod purke` dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant.*

*"Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu necessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili*."

*Hekk ukoll, per ezempju, f'kaz ta' allegazzjoni ta' pagament, l-ahjar prova hija ircevuta ta' hlas, pero`, intqal kemm-il darba mill-qrati taghna li n-nuqqas ta' ircevuta ma jtellifx lid-debitur li jipprova l-hlas bi kwalunkwe mod iehor permessibbli mil-ligi (ara, fost ohrajn, **Desira v. Barbara**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010, **Joseph Said Ltd v. Sammut**, deciza mill-istess Qorti fit-12 ta' Gunju, 2009, u **Mizzi v. Filletti**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2000).*

Senjalat dan, il-Qorti wara li semghet ix-xhieda hija moralment konvinta li l-verzjoni attrici hija wahda veritiera. Din il-konvinzjoni hija bbazata fuq id-dokumenti ezebiti kif ukoll hija korroborata mix-xhieda tar-rikorrenti u ta' hutu li huma nvoluti direttament fin-negozju. Ir-rikorrenti spjega li ma kull konsenja kienet tinhareg invoice. Dan gie kkonfermat minn huh Antienne Attard li hafna drabi kien huwa li kien iwassal ix-xoghol; kif ukoll minn ohthom li tiehu hsieb l-accounts kif ukoll mill-konvenut innifsu. Oltre'

[3] App Nru: 683/2007 deciz fil-11 ta' Novembru, 2011
[4] Deciza fis-27 ta' Lulju, 2007

dan ma saret l-ebda allegazzjoni li l-attur qieghed jitlob hlas ta' xoghol li ma giex konsenjat. Gie kkonfermat mill-konvenut stess li kien jircievi statement b'mod regolari[5] ghall-ahhar sena u nofs.  Huwa pero' ghalkemm ighid li jaf li ghandu jaghti lill-attur pero' mhux dak kollu mitlub xehed li huwa qatt ma baghat lill-attur li skont huwa kien hemm diskrepanzi. Qal li qallu biss verbalment. Oltre' dan oht il-konvenut Rita Axiak[6] stess xehdet li hija kienet tiehu hsieb l-accounts tan-negozju ta' huha. Mill-kalkoli li ghamlet irrizultalha li hemm dovut l-ammont ta' €7,144.38.

Il-konvenut xehed ukoll li huwa ghandu kopja tad-*delivery notes* kollha li saru mill-attur. Xehed ukoll li meta kien isir il-hlas mal-konsenja kienet titnizzel il-kelma *'paid'* fuq il-kopja tal-fattura u tigi ffirmata miz-zewg partijiet. Meta l-hlas ma kienx isir mill-ewwel u ma kinitx tinghata ricevuta l-konvenut xehed li kien jikkontrolla l-hlasijiet li jkun ghamel kif jircievi l-istatement. Tali hlasijiet kienu jsiru jew permezz ta' cekk jew fi flus kontanti. Kienet ohtu li tqabbel l-informazzjoni moghtija lilha minn huha l-konvenut ma' l-istatement ricevut.

Sadanittant irrizulta mill-provi li l-konvenut nonostante li kkonferma li rcieva l-istatements qatt ma mar jilmenta mar-rikorrenti li certu ammonti mhumiex dovuti ghaliex huwa kien hallas. Jidher li kien biss waqt dawn il-proceduri li ssolleva din il-kwistjoni. Il-konvenut izda naqas li jipprova dak sostnut minnu. Fl-ewwel lok fin-nuqqas ta' ricevuta l-konvenut naqas li jipprezenta cekkijiet li jghid li gieli hallas bihom. Ix-xhieda tieghu ma giet korroborata minn hadd aktar. Infatti ohtu Rita Axiak xehdet li hija qatt ma kienet tkun prezenti meta tigi supplita l-merkanzija fil-hanut u lanqas qatt ma kienet prezenti ghal xi hlas u kwindi d-dokument RA 1[7] thejja abbazi ta' informazzjoni moghtija lilha mill-konvenut. Rita Axiaq in kontro-ezami xehdet hekk[8]:

---

[5] Xhieda ta' l-14 ta' Frar, 2012 a fol 250 tal-process
[6] Xhieda tas-26 ta' April 2012 a fol 255 tal-process
[7] A fol 258 et seq tal-process
[8] A fol 256 tal-process

*‘Qed nigi mistoqsija ladarba qed nghid illi ma konniex ninghataw ircevuti kif jiena se nipprova illi effettivament dak li jiena qed insostni illi kien hemm ammonti li thallsu fi flus kontanti fil-fatt verament thallsu, nghid illi jien zammejt rendikont. Nispjega illi l-haddiema kellhom sheet illi fuqha kienu jnizzlu l-pagamenti kollha li jsiru cash f’gurnata partikolari. Qed nigi mistoqsija illi fil-fatt il-haddiema barranin qatt ma hallsu cash lil Charles Attard, nghid illi dan m’huwiex minnu pero’ fil-maggor parti tad-drabi li thallsu l-flus cash, dan sar min-naha taghna. Nghid illi fost l-impjegati barranin illi gieli hallsu lil Charles Attard kien hemm Lize Mercieca. Mistoqsija mir-rendikont illi jiena ghandi kemm huwa l-ammont illi Lize Mercieca hallset lil Charles Attard, nghid illi jiena rrid nivverifika. ‘*

Illi nonostante pero’ tali affermazzjoni dan l-iskritt baqa’ qatt ma gie prodott la biex jigi ppruvat li kienu saru pagamenti li ma gewx murija fl-istatement u lanqas biex juri liema mill-fatturi li taghhom qed jintalab il-hlas xorta wahda gew saldati. Il-konvenut lanqas ma esebixxa ebda fattura fil-pussess tieghu li skont hu l-attur kien ghamillu ‘paid’ fuqha u li xorta wahda l-atturi qed jitolbu l-hlas taghha u wisq anqas ma tella’ lil hadd mill-haddiema li kienu jahdmu mieghu li allegatament hallsu lill-attur ta’ xi konsenji li taghhom l-attur qed jitlob il-hlas xorta wahda.

Fadal issa l-kwistjoni li l-konvenut allega li hemm l-ammont ta’ €1,707 mhux dovut minhabba li l-frott u l-haxix kienu bil-hsara. Gie spjegat mir-rikorrenti x’kien jigri meta prodott kien ikun bil-hsara ossija li kienet tingibed l-attenzjoni jew dak il-hin tal-konsenja jew inkella fl-istess gurnata w imbaghad kienu jsiru l-aggustamenti mill-ewwel jew billi jitnaqqsu l-ekwivalenti jew jingiebu prodotti ohra. Din il-kwistjoni ma tirrizultax li kienet inqalghet qabel il-kawza.

Illi rrizulta li Therese Attard li tiehu hsieb il-kotba tan-negozju ta’ huha spjegat f’certu dettal kif taghmel il-verifiki meta tigi biex tentra l-partiti fil-kont tal-klijent. Spjegat liema fatturi mill-kont tal-attur ghadhom ma gew saldati xejn u liema fatturi sar hlas akkont fuqhom u kkonfermat li

l-bilanc dovut mill-konvenut huwa l-ammont shih li tieghu qieghed jintalab il-hlas.

Fil-fehma tal-Qorti dak li gara kien li l-konvenut spicca bi problemi finanzjarji u kien ghalhekk li ma hallasx. Huwa proprju ghalhekk ukoll li s-sitta u seba’ eccezzjonijiet ma jistghux jintlaqghu. L-attur kien talab diversi drabi lill-konvenut verbalment biex ihallsu u kien jibghat statements regolarment. Il-konvenut jew ohtu talbu lill-attur biex jissaporti ghaliex kellhom problemi finanzjarji u l-attur stenna kemm seta’. Ma giex kontestat li hawn si tratta ta’ debitu kummercjali u ghaldaqstant ghandu japplika l-artikolu 26C tal-Kap 13.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici bil-mod kif gej:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel talba;

2. Tiddikjara li hija dovuta lill-atturi s-somma bilancjali ta’ tnax-il elf u tmienja u tmenin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€12,088.27) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija ta’ haxix u frott li giet lilu mibjugha u konsenjata, bl-imghax dekoribbli mid-data tal-hrug tal-fatturi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma bilancjali ta’ tnax-il elf u tmienja u tmenin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€12,088.27), bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-hrug tal-fatturi sal-eventwali hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------